



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 88/23

il-Lussemburgu, 5 ta' Ġunju 2023

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Dħul fil-kariga ta' Vittorio Di Bucci, ir-Reġistratur il-ġdid tal-Qorti Ġenerali

Vittorio Di Bucci nħatar Reġistratur tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea mill-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali għal perijodu ta' sitt snin, mill-5 ta' Ġunju 2023 sal-4 ta' Ġunju 2029.

Huwa t-tielet Reġistratur tal-Qorti Ġenerali minn meta twaqqfet din il-qorti fl-1989. V. Di Bucci huwa s-suċċessur ta' Hans Jung (mill-10 ta' Ottubru 1989 sas-6 ta' Ottubru 2005) u ta' Emmanuel Coulon (mis-6 ta' Ottubru 2005 sat-30 ta' April 2023).

Illum fis-18.00 ser tinżamm udjenza solenni mill-Qorti Ġenerali li matulha V. Di Bucci ser jieħu l-ġurament, sabiex jidħol fil-kariga tiegħu bħala Reġistratur tal-Qorti Ġenerali.

L-udjenza ser tiġi trazzmessa dirett fis-sit segwenti: https://curia.europa.eu/jcms/jcms/p1_3986683/

Imwieled fl-1963 f'Asti (l-Italja), V. Di Bucci beda l-istudji fid-dritt fl-Università degli Studi di Torino (l-Università ta' Torino, l-Italja), fejn kiseb master fid-dritt fl-1986. Huwa kompla l-istudji tiegħu fl-université de Nancy II (l-Università ta' Nancy II, Franza) u, fl-1988, kiseb diploma ta' studji approfonditi fid-dritt Komunitarju.

Fl-1987, V. Di Bucci daħal fis-servizz tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala ġurista lingwista fid-diviżjoni tat-traduzzjoni Taljana. Fl-1988, huwa ġie rreklutat mill-Imħallf G. Federico Mancini bħala référendaire fl-uffiċċju tiegħu, kariga li huwa okkupa sal-1991. Huwa reġa' kien mill-ġdid référendaire mal-Imħallf Mancini bejn l-1994 u l-2000.

Bejn l-1991 u l-1994, V. Di Bucci għamel parti mill-grupp "Trasport, ambjent, konsumaturi" tas-Servizz Legali tal-Kumissjoni Ewropea, istituzzjoni li huwa reġa' ngħaqad magħha mill-ġdid fl-2000 bħala membru tal-grupp "Għajjnuna mill-Istat u antidumping" tas-Servizz Legali tagħha. Bejn l-2007 u l-2010, huwa kien membru, sussegwentement konsulent legali tal-grupp "Kompetizzjoni". Fl-2010, huwa nħatar konsulent legali prinċipali tal-grupp "Għajjnuna mill-Istat u antidumping" u okkupa din l-istess funzjoni mal-grupp "Dritt kummerċjali" mill-2014 sal-2023.

Huwa l-awtur ta' pubblikazzjonijiet dwar id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fuq il-proċedura quddiem il-qorti tal-Unjoni, l-għajjnuna mill-Istat u d-dritt bankarju tal-Unjoni.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

